**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Frankie Pisani ta' 21 sena iben Grezzju u Grace xebba Gatt li joqghod 'Madonna tal-Grazzja', Triq ta' Xaman, Sannat, Ghawdex.**
**(I.D. No 20579G)**

Illum 2 ta' Mejju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 ta' Ottubru 2000 ghall-habta tal-11:15a.m. u fil-jiem ta' qabel (1) ezercita sengha u negozju ta' mastrudaxxa f'garaxx li jinsab fi Triq Falkun, Sannat, Ghawdex minghajr licenzja ta' l-awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn Ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita kompetenti bis-sahha ta' dik il-Ligi, (2) aktar talli dejjaq lin-nies ta' madwar bi hsejjes jew storbju li kienu qed johorgu mill-imsemmi garaxx.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli 181, 130 (1) u 319 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa hamsin lira Maltin (Lm50);

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur